**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Saviour Baldacchino]**

**vs**

**Raymond Galea**

**Kumpilazzjoni Numru: 1206/14**

**Illum, 9 ta' April, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Raymond Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 439365M akkuzat talli:

1. F'xi hin bejn 22 u 23 ta Ottubru gewwa 'Madonna Salvani', Triq Tal-Gardiel, Marsaskala; ikkommetta serq ta' Vettura Isuzu, Mutur tal-Bexx, Tractor tal-ghamla Ferguson, xafra tal-hsad, magna li tizra il-Patata u oggetti ohra li b'kollox jammontaw ghal aktar min sbatax il-elf ewro (€17,000) ghad-detriment ta Lawrence Spagnol u/jew persuni ohra; liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur (li jiskorri €2329.37), bil-lok bil-hin u bix-xorti tal-haga misruqa; bi ksur tal-Art 261(b)(c)(e)(f)(g), 263(a), 264(1), 267, 269(C), 270 271(G) u 279(b) tal-Kap . 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba titratta ma **Raymond Galea** bhala **recidiv** ta' sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kas ta sejbien ta' htija; tordna lill-imputat ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali li biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija u cioe;-

a. fl-artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikoli 261(b)(c)(e)(f)(g), 263(a), 264(1), 267, 269(C), 270, 271(g), 279(b), 280(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament l-ammissjoni tal-imputat Raymond Galea ghall-akkuza kif dedotta kontrih nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' April elfejn u sbatax (2017) u fejn huwa rega' kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jirregola l-pozizzjoni tieghu.

Rat illi l-imputat ghandu l-addebitu tar-recidiv izda minhabba l-fatt li huwa propens li jirrifondi lura lill-parte civile Lawrence Spagnol ma hijiex ser timponi piena ta' prigunerija effettiva izda l-piena nflitta ma hijiex ser tkun

wahda fil-minimu taghha u l-effetti naxxenti mill-Artikoli 49 u 50 ma humiex ser jigu applikati.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 261(b)(c)(e)(f)(g), 263(a), 267, 269(C), 270, 271(g), 279(b), 280(1)(2) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Raymond Galea** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih fuq ammissjoni u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghall-perjodu ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Il-Qorti tordna li a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 l-imputat ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal elfejn, tliet mija u wiehed u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu (€2,381.34) fi zmien sena mil-lum. L-imputat qed jigi wkoll ikkundannat ghall-hlas ta' elf, mitejn u hamsa u hamsin ewro (€1,255) fi zmien sentejn millum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imuptat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**